MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru. 454/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Josric Mifsud]**

**[Spt Godwin Scerri]**

**vs**

**Mahmoud Zinou**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mahmoud Zinou detentur tal-karta tal-identita` numru 116409(L).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-10 ta' Mejju, 2013, u gimghatejn ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta fastidju lil Katherina Aquilina, u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

b. Fl-istess cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna f'ex siehba tieghu Katherina Aquilina biza' li se tintuza vjolenza kontriha u kontra ulieda jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil Katherina Aquilina u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

c. Fl-istess cirkustanzi insulta bi kliem ta' mewt f'ex siehba tieghu Katherina Aquilina, anki b'mezz telefonic u dan bi ksur tal-artikolu 339(1) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukolli talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2013, ghal habta tas-sitta nieqes ghoxrin ta' filghodu gewwa l-Waterfront, Valletta:

d. Volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal madwar sebgha mitt Ewro (€700.00) u dan ghad-detriment ta' Katherina Aquilina

e. Ikkommetta offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Katherina Aquilina

f. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mahmoud Zinou, a beneficcju ta' Katherina Aquilina, u wlieda u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-verbal tal-parte civile datat ghaxra (10) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn hija rrinunzjat dak li hu rinunzjabbli u ddikjarat illi hija giet mghoddija l-flus dovuti mill-imputat u kull ma riedet kien li l-imputat izomm il-kwiet maghha.

Rat illi l-imputat dam zmien ma gie rintraccjat mill-pulizija tant li kien impoggi fuq il-lista ta' persuni mfittxija.

Rat illi pero` fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u hmistax (2015) l-imputat deher assistit u ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u li rega' ammetta tali ammissjon wara lil nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, ghalhekk din il-Qorti rrivertiet minn Qorti Struttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk setghet tghaddi ghas-sentenza minnufih.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A, 251B u 339(1), 325, 338dd u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Mahmoud Zinou hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u minflok tinfliggi piena timponi fuqu Protection Order taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hawn anness u li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------